**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 578/2013**

**Illum, 30 ta' Ottubru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Anthony Zammit**
**(ID 542182(M))**

Il-Qorti

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Anthony Zammit** ta' 30 sena, iben George u Josephine Bartolo, imwieled il-Pieta` nhar l-4 ta' Ottubru 1982 u residenti 40, Triq San Xmun, Fgura, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 542182(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fl-4 ta' Mejju 2013 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga

msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu, liema reat sar fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqaw iż-żgħażagħ skont l-artikolu 22(2b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat sar fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqaw iż-żgħażagħ skont l-artikolu 22(2b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar l-4 ta' Mejju 2013, Pulizija mill-*Economic Crime Unit,* ossia l-Ispettur Jonathan Ferris, PS 856 Conrad Falzon u PC 723 Dorian Tanti, flimkien ma' Uffiċjali tad-Dwana kienu qegħdin jagħmlu tfittxijiet għal sigaretti mingħajr ħlas ta' dazju ġewwa stabbilimenti differenti, meta għall-ħabta ta' nofsinhar daħlu ġewwa *King Elvis Bar*, f'Raħal Ġdid. Hemmhekk kien hemm l-imputat odjern li f'idejh kien qed iżomm pakkett tas-sigaretti u x'ħin l-Ispettur Jonathan Ferris resaq lejh u talbu sabiex jara l-pakkett, dan telaq jiġri 'l barra mill-*bar.* Il-pulizija preżenti ġrew warajh u fil-frattemp rawh jarmi xi oġġetti li, sussegwentement, irriżultaw li kienu qratas bi trab kannella suspettat eroina. Fil-pussess tal-imputat instabu wkoll flus kontanti fis-somma ta' €260 u *mobile phone* tal-marka Samsung. Mit-triq ġiet elevata karta b'xi notamenti fuqha li ġew meqjusa bħala suspettużi. L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja żewġ stqarrijiet lill-pulizija, waħda dakinhar stess u oħra l-għada.

**L-Ispettur Jurgen Vella** ossia l-Uffiċjal Prosekutur f'dan il-każ, xehed dwar dak li ġie rrappurtat lilu mill-uffiċjali tal-pulizija preżenti u l-investigazzjoni tiegħu sussegwenti nkluż it-teħid taż-żewġ stqarrijiet lill-imputat, kif ukoll illi tfittxija li saret fir-residenza tiegħu rriżultat fin-negattiv. Huwa esebixxa l-oġġetti elevati fosthom erbatax-il qartas, xi wħud minnhom mqattgħin, is-somma ta' €260 fi flus kontanti u l-irċevuta li ngħata l-imputat tal-oġġetti elevati mill-pussess tiegħu.[1] Skont din ir-riċevuta[2], mill-pussess tal-istess imputat ġew elevati s-somma ta' €260 fi flus kontanti, *mobile phone* tad-ditta Samsung, erbatax-il pakkett kontenenti trab kannella u pakkett tas-sigaretti '*Tradition'* mingħajr bolol tad-dazju.

**L-Ispettur Jonathan Ferris** xehed illi kien nhar is-Sibt filgħodu fil-bidu ta' Mejju, meta flimkien ma' Uffiċjali tad-Dwana, kif ukoll PS 856 Conrad Falzon u PC 723 Dorian Tanti, kienu qegħdin jagħmlu ronda in konnessjoni ma' sigaretti tal-kuntrabandu u għal dan il-għan marru f'*bars* ġewwa l-Marsa u wara f'*bar* ġewwa Raħal Ġdid, minn fejn elevaw sigaretti, xi wħud minnhom f'pakketti bil-kulur tad-deheb. Sussegwentement, marru ġewwa *bar* li jġib l-isem ta' *New Elvis Bar*, f'Raħal Ġdid u hemmhekk innota persuna li f'idejh kien qed iżomm pakkett tas-sigaretti simili ħafna għal dawk li kien għadu kif eleva minn *bars* preċedenti. Għalhekk huwa avviċina lil din il-persuna, fil-waqt li talbu biex jara l-pakkett iżda dak il-ħin, din il-persuna, li wara rriżulta li kien l-imputat odjern, telaq jiġri minn fuq il-post. Ix-xhud jgħid illi huwa telaq jiġri

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 10 sa 13 tal-proċess.

[2] Din tinsab esebita a fol. 14 tal-proċess.

warajh u waqt li kienu qegħdin jiġru, rah jarmi xi oġġetti li wħud minnhom ħabtu ma' wiċċ ix-xhud waqt li kien qed jiġri. Kif daru l-kantuniera l-imputat beda jnaqqas u x-xhud laħaq miegħu u waqqfu. L-imputat poġġa bil-qegħda għax beda jħossu stordut. Fil-frattemp waslu s-Surġent Falzon u PC 723 ħdejn ix-xhud u s-Surġent urieh qartas mgħaffeġ kontenenti trab suspettat eroina. Ingħalqet it-triq li fiha kien ġie segwit l-imputat minn tarf sa tarf u saret tfittxija, inkluż taħt il-karozzi li kien hemm fit-triq u għal dan il-għan ġew anke mressqa xi karozzi. B'kollox ġew elevati bejn tlettax u erbatax-il pakkett. Skont ix-xhud, ġiet elevata wkoll karta li huwa stess kien raha tintrema mill-imputat waqt li kienu qegħdin jiġru, li fuqha kien hemm xi notamenti dwar ammonti ta' flus. Meta x-xhud kien ċert li kien inġabar kollox mit-triq, huwa ħa dawn il-pakketti ġewwa l-Għassa ta' Raħal Ġdid f'*tissue paper* f'idu biex jgħaddihom lill-Ispettur Jurgen Vella. Huwa għaraf lill-imputat bħala l-persuna li xehed dwarha, kif ukoll illi Dok. JV1, esebit mill-Ispettur Vella waqt ix-xhieda tiegħu, kien jikkontjeni il-pakkett tas-sigaretti bil-lewn tad-deheb, il-karta li kien fiha notamenti ta' ċifri ta' €20 li ntremiet fit-triq, it-*tissue* li fiha huwa refa' l-qratas u l-pakketti żgħar li kien fihom trab kannella.[3]

**PC 723 Dorian Tanti** xehed illi fl-4 ta' Mejju 2013 huwa kien akkumpanja lill-Ispettur Jonathan Ferris u lil PS 856 Conrad Falzon ġewwa l-*King Elvis Bar* f'Raħal Ġdid u li hekk kif daħlu f'dan il-fond u identifikaw ruħhom bħala pulizija, kien hemm persuna, ossia l-imputat odjern, li beda miexi 'l barra u ħarab jiġri minn fuq il-post. Marru jiġru warajh u waqt l-insegwiment, huwa rah idaħħal idejh fil-bwiet u jarmi pakketti żgħar, għalkemm jgħid ukoll li ma setax jara x'kienu għaliex kien daqsxejn il-bogħod mill-imputat. Qabdu lill-imputat u nfurmawh li kien taħt arrest. Ix-xhud jgħid illi huwa kien preżenti biss għal dan l-insegwiment, iżda mhux għat-tfittxija fuq il-persuna tiegħu, kemm il-darba saret tali tfittxija. In kontro-eżami, ix-xhud jgħid li għalkemm dan kollu seħħ għall-ħabta ta' nofsinhar meta kien għadu d-dawl, huwa kien madwar għoxrin jew tletin metru il-bogħod mill-imputat meta dan beda jarmi l-affarijiet mill-but u ma kienx preżenti meta dawn inġabru, għaliex wara, flimkien mal-Uffiċjali tad-Dwana, mar jagħmel tfittxija fil-*King Elvis Bar*. Ix-xhud għaraf il-pakkett tas-sigaretti li kien fil-pussess tal-imputat.[4]

**PS 856 Conrad Falzon** xehed illi fil-jum in kwistjoni, kienu sejrin jagħmlu spezzjoni għal sigaretti tal-kuntrabandu ġewwa l-*King Elvis Bar*, f'Raħal Ġdid, fejn wassal lill-Ispettur flimkien ma' xi Uffiċjali tad-Dwana. Dawn niżlu mill-vettura, u sakemm huwa kien qed jipparkja, sema' kommozzjoni u għajjat u hekk kif ħares fil-mera, ra lill-Ispettur Jonathan Ferris jiġri wara l-imputat odjern. Huwa spjega kif ħareġ mill-vettura u eventwalment qabdu lill-imputat

[3] A fol. 20 sa 23 tal-proċess.
[4] A fol. 24 sa 28 tal-proċess.

fil-kantuniera tal-istess triq. L-Ispettur Ferris qal lix-xhud li kien ra lill-imputat jarmi xi ħaġa u meta fittxew, fl-art sabu xi qratas b'xi sustanza kannella. Għalkemm huwa kienx ra lill-imputat jarmi, kien huwa stess li ġabar dawn il-qratas minn mal-art, fit-triq fejn kien sar l-insegwiment tal-istess imputat. Jgħid illi dawn kienu mxerrdin mal-art, f'nofs tat-triq u li ġabar iżjed minn 10 qratas, konsistenti f'boroż żgħar tal-plastik trasparenti b'sustanza kannella fihom. Ix-xhud ma kienx preżenti waqt it-tfittxija li saret lill-imputat.[5]

**PC 350 Christian Darmanin** għaraf il-firma tiegħu fuq ir-riċevuta li ngħatat lill-imputat, Dok. JV 3, kif ukoll il-firem tal-imputat u tal-Ispettur Vella.[6]

Xehed ukoll **PS 1257 Conrad Ellul** illi fil-jum in kwistjoni għall-ħabta ta' nofsinhar, wara telefonata riċevuta mill-*control room* sabiex jinżel ġewwa *New Street* biex jagħti l-assistenza tiegħu, huwa mar fuq il-post u sab lill-Ispettur Jonathan Ferris, flimkien ma' PS 856 u PC 723 Dorian Tanti, kif ukoll persuna ta' sess maskili. Jgħid illi kien ġie spjegat lilu dak li kien seħħ, u ra l-pakketti li kienu nġabru, għalkemm nesa kemm kien hemm jew kif kienu. Jgħid illi mill-pussess tal-imputat ġiet elevata s-somma ta' €260 fi flus kontanti, li f'dak il-waqt kienet fil-pussess tal-pulizija, għaliex meta wasal hu, diġa` kienu għamlu tfittxija lill-imputat.[7]

**Ix-Xjenzat Godwin Sammut** ġie nominat f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza Dokument JV1 għas-sustanza u l-piż u *seduta stante* jiftaħ l-istess dokument u jikkonferma jekk fih kienx hemm 14-il pakkett, kif xehdu l-pulizija.[8] Jirriżulta fl-ewwel lok illi *seduta stante* fil-11 ta' Frar 2014, l-istess espert fetaħ Dokument JV1 u kkonferma li dan kien jikkontjeni 14-il pakkett. Mir-relazzjoni tiegħu, imbagħad, jirriżulta wkoll illi huwa ngħata dokument wieħed għall-analiżi tiegħu ossia *envelope* kannella li kien fih: i) *evidence bag* bin-numru A01674661 li fih 14-il qartas tal-plastik ġo *tissue* li kien fihom trab ta' lewn kannella; ii) pakkett tas-sigaretti li fih xi sigaretti u iii) ingwanta. Skont l-istess relazzjoni, fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn kannella li ġie analizzat instabet is-sustanza eroina. Il-piż tat-trab kien ta' 0.28 grammi u l-purita` kienet ta' 22%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni, illi tlieta mill-qratas kellhom piż rispettiv ta' 0.06 grammi, 0.08 grammi u 0.14 grammi, fil-waqt illi fil-bqija tal-qratas, instabu biss traċċi. F'dan ir-rigward, l-espert spjega illi dan ifisser li l-qratas

---

[5] A fol. 39 sa 42 tal-proċess

[6] A fol. 48 sa 50 u 60 sa 64 tal-proċess.

[7] A fol. 33 sa 36 tal-proċess.

[8] Ara l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar 2014, a fol. 8 tal-proċess.

kien fihom xi tiċrita u ma kienx hemm trab, iżda tiċpis ta' trab ta' lewn kannella biss.[9]

Fix-xhieda tiegħu, imbagħad, l-istess espert jgħid illi ħafna mill-qratas kienu mtaqqbin jew imqattgħin u allura f'dawn il-qratas kien hemm biss traċċi ta' lewn kannella. B'referenza għall-qratas li kienu mqattgħin, huwa jgħid illi dawn kienu mtaqqbin u mqattgħin mhux għax il-borża kienet miftuħa, imma dehru mqattgħin, fi kliemu "*roughly*", fil-waqt li jgħid ukoll li ma kienx jaf minn x'hiex kienu għaddew.[10]

Xehdet ukoll **Vicky Scicluna** in rapprezentanza tal-Aġenzija Sedqa, li ppreżentat rapport redatt mill-*key worker* tal-imputat fi ħdan l-istess Aġenzija, **Antoinette Buttiġieġ Sciberras**, datat 26 ta' Ottubru 2016.[11] Mix-xhieda tal-istess *key worker,* jirriżulta illi l-imputat kien fittex l-għajnuna minħabba li kellu l-vizzju tad-droga f'Awwissu 2013 u hija bdiet issegwih fit-22 ta' Ottubru 2013 meta kien diġa` jinsab ġewwa l-*Assessment Stabilisation Unit,* fejn dam madwar seba' ġimgħat. Effettivament mid-dokument minnha esebit jirriżulta illi huwa ħareġ mill-*ASU* fis-26 ta' Novembru 2013.[12] Sussegwentement baqa' jżomm kuntatt magħha u jħalli kampjuni tal-urina b'mod regolari darba fil-ġimgħa sa dakinhar tax-xhieda tagħha (fi Frar 2017), liema kampjuni dejjem irriżultaw fin-negattiv.[13]

**Dr. Antoine Ellul**, tabib ġewwa d-*Detox Centre,* ukoll prodott bħala xhud in difeża, xehed li huwa ra lill-imputat għall-ewwel darba ġewwa d-*Detox* f'Lulju 2005, f'liema żmien, huwa kien qiegħed jagħmel użu minn gramma eroina kuljum u kien diġa` ilu jabbuża mid-droga għal perjodu ta' sentejn. Jgħid illi għalkemm l-imputat ingħata l-kura tal-*methadone,* il-vizzju tiegħu kompla jaggrava u beda jieħu gramma u nofs eroina kuljum bejn is-snin 2005 u 2006. Fis-sena 2007 l-imputat beda jipprova jegħleb il-vizzju tad-droga iżjed bis-serjeta` u daħal ġewwa programm, San Blas, fi ħdan l-Aġenzija Caritas, ħareġ u reġa' daħal xahar wara u l-vizzju tiegħu f'dan il-perjodu naqas għal nofs gramma kuljum. Fis-snin 2009 u 2010, daħal Dar l-Impenn u mbagħad mar l-Oasi, fejn dam biss ġimgħa u ma kompliex il-programm. Fil-perjodu ta' Lulju 2013, l-imputat ma kienx qed iżomm l-appuntamenti, iżda f'Settembru 2013, daħal Dar l-Impenn u wara ġimgħa mar l-*ASU* biex inaqqas id-doża tal-*methadone* stante li kellu doża għolja u fil-fatt fl-*ASU* irnexxielu jeħles minnha

[9] Ara din ir-relazzjoni a fol. 70 *et seq* tal-proċess.
[10] Ara a fol. 66 sa 69 tal-proċess.
[11] Dan id-dokument jinsab esebita a fol. 82 tal-proċess.
[12] Ara dan id-dokument a fol.93 tal-proċess.
[13] Ara din ix-xhieda a fol. 89 sa 92 tal-proċess.

kompletament. Sussegwentement, ingħata kura mediċinali f'forma ta' pilloli. Minn meta daħal Dar l-Impenn l-aħħar darba, qatt ma reġa' mess droga.[14]

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti ser tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat fl-4 u fil-5 ta' Mejju 2013 rispettivament. Jirriżulta illi l-imputat irrilaxxja dawn l-istqarrijiet wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Madankollu, l-imputat ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu, stante illi dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Fil-fatt tali dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Hawnhekk il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt*

[14] A fol. 83 sa 87 tal-proċess.

*tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u iżjed riċentement fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u mingħajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn*

*stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fil-każ ta' **<u>Philippe Beuze vs Belgium</u>** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu la darba kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

"*(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.*"

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **<u>Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et</u>** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif

ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **<u>Ibrahim and Others v. United Kingdom</u>** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**<u>Beuze v. Belgium</u>** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

"*20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.*

*21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.*

...

*23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.*

*24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.*

*25. Barra minn hekk, l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.*

*26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...*

*27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.*

*28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101].*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fil-każ li għandha l-Qorti quddiemha llum, il-Prosekuzzjoni mhijiex tistrieħ għal kollox fuq l-istqarrijiet tal-imputat, għaliex hemm provi u xhieda oħra li abbażi tagħhom, il-Prosekuzzjoni qegħda ssejjes il-każ tagħha. Huwa evidenti illi jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istess stqarrijiet, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smiegħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-*overall fairness of the proceedings* straħet ħafna fuq il-fatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u

illi fir-rigward ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, fil-waqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur għal smiegħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-persuna akkużata. Fil-każ odjern, għalkemm kif ingħad l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat mhumiex l-unika prova li nġabet fil-konfront tiegħu, u minkejja wkoll illi fl-istess stqarrijiet huwa jiċħad li d-droga ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu, biss fl-istqarrija tal-4 ta' Mejju 2013 huwa jagħmel dikjarazzjonijiet li l-Qorti tqis bħala inkriminanti, b'tali mod li kemm il-darba l-Qorti tieħu konjizzjoni ta' din l-istqarrija, allura din sejra definittavement ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri odjerni.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex tistrieħ fuq l-istqarrijiet tal-imputat u għalhekk qegħda tiskartahom, kif qegħda tiskarta wkoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrijiet bħala inammissibbli.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mit-trattazzjoni finali tagħha, jirriżulta illi d-difiża m'hijiex tikkontesta l-pussess tad-droga eroina da parti tal-imputat, iżda l-aggravanti tal-istess ossia illi tali droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu. Fil-fatt jirriżulta ċar fil-fehma tal-Qorti illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien fil-pussess tad-droga eroina u illi kien proprju għalhekk illi meta l-Ispettur Ferris avviċinah u talbu sabiex jurih il-pakkett tas-sigaretti li kien qed iżomm f'idejh, l-istess imputat telaq jiġri 'l barra mill-*bar* li kien jinsab fih. Jirriżulta daqstant ċar illi waqt li kien qed jiġri huwa beda jarmi xi affarijiet mill-but li sussegwentement irriżultaw li kienu qratas kontenenti l-eroina u li b'kollox inġabru erbatax-il qartas mill-istess triq li fiha l-pulizija ġrew wara l-imputat. Għaldaqstant, m'hemmx dubju illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien fil-pussess tad-droga eroina.

Dak li jeħtieġ li jiġi deċiż minn din il-Qorti, għalhekk, huwa jekk tali pussess kienx wieħed aggravat u dan fis-sens illi d-droga misjuba ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-istess imputat.

Illi kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri** deċiża fit-12 ta' Mejju 2005:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*

*Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).*

Apparti l-qratas tal-eroina, li dwarhom il-Qorti ser tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha iżjed 'il quddiem, fl-atti ġew esebiti s-somma ta' €260 fi flus kontanti, kif ukoll karta b'xi notamenti fuqha, li l-Ispettur Ferris jgħid li wkoll inġabret mit-triq wara li l-imputat ġie osservat jarmiha waqt li kien qed jaħrab mill-pulizija. Skartati l-istqarrijiet tal-imputat, il-Qorti m'għandha l-ebda prova dwar il-provenjenza ta' tali flus u lanqas tal-istat tal-imputat fiż-żmien in kwistjoni, bħal per eżempju jekk kienx jaħdem o meno. Dwar in-notamenti, imbagħad, li juru figura ta' €260 bil-kelma 'balans' taħtha u dati mis-26 ta' April 2013 sat-3 ta' Mejju 2013 biċ-ċifra '€20' miktuba ħdejn kull jum, ħlief għall-jum tas-26 ta' April 2013, dawn ma jwasslu lill-Qorti għall-ebda konklużjoni konkreta dwar x'kienu dawn iċ-ċifri u jekk per eżempju kinux ammonti ta' flus li l-imputat ġabar mid-droga, jew inkella ammonti ta' flus li kien qed iħallas għad-droga, jew addirittura jekk kinux konnessi mad-droga. Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella illi ma nstab xejn relatat

mad-droga fir-residenza tal-istess imputat. In oltre għalkemm il-*mobile phone* tal-imputat ġie elevat mill-pulizija, dan la ġie esebit fl-atti u wisq inqas saret talba mill-Prosekuzzjoni biex jinħatar espert sabiex il-kontenut tal-istess *mobile* jiġi analizzat.

Fil-fatt skartati l-istqarrijiet tal-imputat, l-unika ċirkostanzi li jistgħu jindikaw li l-pussess tad-droga kien wieħed aggravat huma n-numru ta' qratas in kwistjoni ossia b'kollox erbatax u li l-imputat kien qiegħed barra bihom. Issa dwar dawn, mir-relazzjoni tal-espert Sammut, jirriżulta illi tlieta biss kien fihom trab kontenenti l-eroina, f'piż totali ta' 0.28 grammi, għaliex il-bqija kellhom biss traċċi jew tiċpis ta' trab kannella. Il-Qorti m'għandhiex dubju fiċ-ċirkostanzi tal-każ illi anke dawn il-qratas kienu jikkontjenu l-eroina, iżda jidher illi matul il-ħarba tal-imputat, dawn b'xi mod tqattgħu jew ġew imqattgħin b'tali mod illi fihom ma kienx fadal għajr traċċi ta' trab kannella, li minnhom l-espert ma setax jasal għall-piż. Biss fi kwalunkwe każ jibqa' l-fatt illi l-Qorti m'għandhiex prova tal-piż totali tat-trab li kien f'dawn il-boroż, għalkemm irid jingħad ukoll illi tenut kont tal-piż minimu tat-trab li nstab fi tliet qratas, huwa probabbli li l-piż totali ma kienx wieħed kbir.

Jirriżulta wkoll illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat kellu l-vizzju tal-eroina, tant illi Dr. Antoine Ellul xehed illi kien biss wara dan il-każ, illi l-imputat iddeċieda li jiġġieled dan il-vizzju darba għal dejjem u daħal ġewwa l-*Assessment Stabilisation Unit* fejn irnexxielu jaqta' għal kollox il-*methadone* u baqa' ħieles mid-droga. Minn din ix-xhieda jirriżulta wkoll illi saż-żmien tal-każ odjern, l-imputat kien ilu fil-vizzju tal-eroina għal perjodu ta' madwar għaxar snin u li tal-inqas sas-sena 2006 kien jikkonsma anke gramma u nofs kuljum. Għalkemm irnexxielu jnaqqas fil-vizzju fis-sena 2007 biex beda jikkonsma ċirka nofs gramma eroina kuljum, wara dak iż-żmien għamel diversi tentattivi sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga billi daħal f'diversi programmi, mingħajr suċċess. Kif ingħad kien biss wara l-każ odjern, lejn l-aħħar tas-sena 2013 li rnexxielu jeħles mill-vizzju.

Fid-dawl ta' dawn il-provi proċesswali, minkejja li ċ-ċirkostanza tas-sejba ta' erbatax-il qartas hija naturalment waħda ferm suspettuża, madankollu in vista tal-fatt illi l-imputat kellu l-vizzju tad-droga eroina u li kien ilu f'dan il-vizzju għal diversi snin twal, kif ukoll illi l-kwantita` tad-droga fil-pussess tiegħu jidher li kienet waħda minima, u fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova oħra li tista' twassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi, fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-eroina fil-pussess tal-imputat ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (a) li tikkontempla r-reat ta' pussess aggravat, ma ġietx sodisfaċentement ippruvata. Konsegwentement lanqas ma jista' jirriżulta ppruvat l-aggravju tad-distanza wkoll formanti parti mill-imputazzjoni (a).

Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula, l-imputat qed jinstab ħati biss tal-imputazzjoni (b) ossia tal-pussess 'sempliċi' tad-droga eroina, b'dan illi minkejja li din l-imputazzjoni bħal ta' qabilha, tinkludi wkoll l-aggravju tad-distanza, il-Qorti m'hijiex qed issibu ħati ta' dan l-aggravju stante illi l-liġi tikkontempla l-istess aggravju biss fil-każ tar-reati msemmija fl-Artikolu 22(2)(a)(i) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 u mhux fil-każ tal-pussess 'sempliċi' tad-droga.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Għal fini ta'  piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Mejju 2013.  Il-Prosekuzzjoni baqgħet ma esebietx il-fedina penali kif aġġornata sal-lum, minkejja d-diversi ordnijiet tal-Qorti f'dan is-sens.  Mill-fedina penali esebita jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku, sewqan perikoluż, kif ukoll ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti.  Dawn jirrisalu għas-snin 2003 u 2006 rispettivament.

Ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-ammont ta' droga fil-pussess tal-imputat u stante illi jirriżulta biss il-piż ta' tliet qratas minn erbatax, fl-ammont ta' 0.28 grammi u fid-dawl tal-prinċipju illi d-dubju għandu dejjem imur favur l-imputat, qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni (a) u ta' dik il-parti tal-imputazzjoni (b) li tirreferi għall-aggravju tad-distanza u qegħda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu ħati ta' dik il-parti tal-imputazzjoni (b) li tirreferi għall-pussess tad-droga eroina u tikkundannah għall-penali ta' mitt ewro (€100) u ai termini tal-Artikolu 10(2) tal-Kap. 291 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li f'każ li l-ħati ma jħallasx din is-somma fi żmien xahar mil-lum, huwa għandu jħallas penali addizzjonali ta' ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65).

Tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija u sebgħa u sebgħin ewro (€177), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahar mil-lum.

Tordna r-rilaxx tas-somma ta' mitejn u sittin ewro (€260) esebita bħala Dokument JV 2, favur il-ħati.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala formanti parti minn Dokument JV1, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il (15) jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara
Deputat Reġistratur